

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professionist Legali](#) > [Sib Espert](#) > Austria

## Sib espert

Awstrija

Il-kontenut ipprovdut  
minn  
Awstrija



### I. Listi u reġistri ta' esperti

Fl-Awstrija, il-persuni li jkunu disponibbli biex jaħdmu bħala esperti fi proċedura ġudizzjarja jew f'investigazzjoni mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jiddaħħlu fil-lista tal-esperti tal-qorti miżmuma mill-presidenti tal-qorti reġjonali għad-distretti rispettivi tal-qorti reġjonali, bl-entrati mqassma skont il-qasam tal-ispeċjalizzazzjoni.

Ir-reġistri huma disponibbli għall-pubbliku [hawnhekk](#).

L-esperti jridu jippreżentaw applikazzjoni u jgħaddu minn eżami sabiex jiġu inklużi fil-lista tal-esperti tal-qorti.

### II. Il-kwalifiki tal-esperti

L-applikanti li jixtiequ jinħatru mill-qorti jridu jagħtu prova tal-esperjenza professjonali fil-qasam ta' kompetenza tagħhom. L-esperti jrid ikollhom għarfien sostanzjali tal-aktar prinċipji importanti tal-liġi proċedurali Awstrijaka, ikunu jafu kif jiktbu perizja u jridu jipprovdu prova ta' 10 jew 5 snin ta' xogħol professjonali matul il-perjodu immedjatament qabel jiġu rreġistrati fil-lista (jekk ikollhom lawrja universitarja rilevanti jew ikunu lestew kors ta' studju fi skola vokazzjonali ta' livell ogħla) fil-qasam speċjalizzat inkwistjoni. Barra minn hekk, irid ikollhom kapaċità legali sħiħa u jkunu affidabbli. Biex ikunu affidabbli, l-esperti ma jrid ikun fihom x'tikkritika fihom fil-kondotta ġenerali tagħhom sabiex l-imparzjalità tagħhom u l-kwalità ta' xogħolhom ikunu garantiti.

L-applikazzjoni għall-inklużjoni fir-reġistru ta' esperti "ġuramentati u ċertifikati" (bħala "espert rikonoxxut", fil-kliem tal-Istitut Ewropew tal-Kompetenzi u l-Esperti (EEEI)) trid tiġi ppreżentata lill-president tal-qorti reġjonali fid-distrett tar-residenza abitwali jew tal-attività professjonali tal-applikant.

Matul il-proċedura ta' reġistrazzjoni, il-president responsabbli mir-reġistrazzjoni jqabba kummissjoni biex tfejji perizja dwar jekk ir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni ġewx issodisfati.

L-esperti jridu jieħdu ġurament qabel ma jiġu rreġistrati.

Jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' hawn fuq, dawn jinħatru mill-president responsabbli għar-reġistrazzjoni għal perjodu ta' 5 snin. Dawn iridu jerġgħu japplikaw wara kull perjodu ta' 5 snin. Jekk l-esperti jibqgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha f'dan iż-żmien, ir-reġistrazzjoni tagħhom fil-lista ta' esperti tal-qorti tiġi estiża (ġeneralment mingħajr il-bżonn li jagħmlu eżami ieħor).

L-esperti jistgħu jitneħħew mir-reġistru tal-esperti tal-qorti jekk ikunu jixtiequ, jekk ma jibqgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti jew jekk il-president responsabbli għar-reġistrazzjoni jiddeċiedi hekk. Id-deċiżjonijiet biex espert jitneħħa jew ma jiġix iċċertifikat mill-ġdid, iridu jkunu debitament motivati u jistgħu jiġu appellati.

Hemm kodiċi tal-etika (*Ethikkodex* - link [hawnhekk](#)) ippublikat mill-Assoċjazzjoni Awstrijaka tal-Esperti Ġuramentati u Ċertifikati.

## III. Ir-remunerazzjoni tal-esperti

### III.1 Informazzjoni ġenerali

It-tariffi tal-esperti huma rregolati mill-Att Awstrijak dwar id-Dritt għat-Tariffi (*Gebührenanspruchsgesetz* – link [hawnhekk](#)). Dak l-Att fih regoli ġenerali applikabbli għall-esperti. Jinkludi wkoll sistema speċifika ta' kumpens għat-tobba, l-antropologi, id-dentisti, il-veterinarji, l-esperti fl-analiżi kimika u l-esperti fil-vetturi bil-mutur.

### III.2 Tariffi

Normalment it-tariffi jiddependu fuq il-kumplessità tal-perizja. Teżisti sistema speċifika ta' kumpens fil-proċedimenti kriminali u fil-proċedimenti tal-qorti tal-familja, fost l-oħrajn, għal ċerti esperti (ara t-Taqsima III.1).

### III.3 Pagament

L-esperti jridu jippreżentaw fattura għat-tariffi tagħhom lill-qorti fi żmien 4 ġimgħat minn meta jagħtu l-perizja tagħhom. L-onorarji ġeneralment jitħallsu permezz ta' trasferiment bankarju.

#### III.3.1 Proċedimenti ċivili

Fi proċedimenti ċivili, qabel ma l-espert jibda jaħdem fuq l-opinjoni tiegħu, il-qorti ġeneralment tordna li ż-żewġ partijiet għandhom jagħmlu ħlas bil-quddiem (*Kostenvorschuss*) lill-qorti. L-ammont ta' dan il-ħlas jiddependi fuq il-kumplessità tal-kawża u l-grad tal-perizja li jrid jagħti l-espert. Ir-remunerazzjoni ġeneralment tiġi kkalkulata abbażi tal-għadd ta' sigħat li l-espert ikun qatta' fuq il-każ, immultiplikat b'rata fis-siegħa. L-ispejjeż u l-VAT huma inklużi wkoll. Il-qorti tordna l-ammont li l-partijiet iridu jiddepożitar fuq il-bażi tal-esperjenza tagħha. Jekk l-ammont depożitat ma jkunx suffiċjenti, jista' jiġi ordnat ħlas bil-quddiem ieħor.

#### III.3.2 Proċedimenti kriminali

Fi proċedimenti kriminali, l-Istat iħallas ir-remunerazzjoni tal-esperti u, fil-każ ta' kundanna, il-persuna kkundannata trid tirrimborża l-ispejjeż.

#### III.3.3 Proċedimenti tal-qorti tal-familja

Fil-proċedimenti tal-qorti tal-familja, ir-remunerazzjoni tal-espert ġeneralment titħallas mill-Istat.

### III.4 Każijiet ta' għajjnuna legali

B'mod ġenerali, l-għajjnuna legali tingħata lil persuni li ma jkunux jistgħu parti mill-ispejjeż tal-proċedimenti jew l-ispejjeż kollha, inklużi l-ispejjeż tal-esperti minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tagħhom. Il-benefiċjarji tal-għajjnuna legali jridu jirrimborżaw il-ħlasijiet kollha jew parti minnhom, jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom tkun tjiebet b'mod sostanzjali fi żmien 3 snin minn meta jkunu seħħew il-proċedimenti. Għandu jkun innotat li l-parti telliefa dejjem trid tkopri l-ispejjeż tal-parti rebbieħa.

### III.5 Rimborż tat-tariffi tal-esperti

Il-qorti tieħu d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż tal-esperti f'deċiżjoni awtonoma dwar l-onorarji jew fil-kuntest tas-sentenza tagħha. Għalhekk, l-ispejjeż deċiżi huma eżegwibbli.

## IV. Responsabbiltà tal-esperti

L-esperti jinżammu responsabbli skont il-liġi ġenerali tal-obbligi. Huma obbligati jkopru r-responsabbiltà possibbli tagħhom permezz ta' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali.

## V. Informazzjoni addizzjonali dwar il-proċedimenti tal-esperti

Is-sit web tal-Assoċjazzjoni Awstrijaka tal-Esperti Ġuramentati u Ċertifikati (*Hauptverband der allgemein beeideten und gerichtlich zertifizierten Sachverständigen Österreichs* – link [hawnhekk](#)) jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż (kampjun tat-tariffi) u l-kundizzjonijiet għad-dħul fil-lista ta' esperti tal-qorti. Is-sit web

huwa informattiv ħafna u faċilment aċċessibbli għall-pubbliku.

## V.1 Bażijiet legali

Id-dispożizzjonijiet legali prinċipali applikabbli għall-kompetenza ġudizzjarja fl-Awstrija huma:

- L-Artikoli 351 sa 367 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Awstrijak (*österreichische Zivilprozessordnung (ZPO)* - link [hawnhekk](#))
- L-Artikolu 31 tal-Att dwar il-Materji Mhux Ikkontestati (*Außerstreitgesetz* - link [hawnhekk](#))
- L-Artikoli 52 sa 53a tal-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva Awstrijak tal-1991 (*Allgemeines Verwaltungsverfahrensgesetz* - link [hawnhekk](#))
- L-Artikoli 104, 112, 112a u 125 sa 128 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Awstrijak tal-1975 (*österreichische Strafprozessordnung* - link [hawnhekk](#)).

## V.2. Ħatra ta' esperti

L-esperti jistgħu jinħatru mill-qorti iżda mhux mill-partijiet involuti. Il-ħatra ta' esperti fi proċedimenti amministrattivi hija simili għal dik fi proċedimenti ċivili. Fi proċedimenti ta' investigazzjoni kriminali, l-espert jista' jinħatar mill-prosekutur.

### V.2.a. Ħatra minn qorti

Il-qorti ċivili għandha s-setgħa diskrezzjonali li taħtar espert, jew *ex officio* jew fuq talba espliċita ta' parti fil-proċedimenti, sakemm il-fatti tal-kawża ma jkunux jistgħu jiġu solvuti mod ieħor. Il-qorti hija libera li taħtar kwalunkwe persuna li tqis xierqa biex taġixxi bħala espert. Il-espert irid jirrapporta kwalunkwe kunflitt ta' interess lill-qorti. L-esperti maħtura mill-qorti għandhom aċċess għad-dokumenti rilevanti tal-proċess.

### V.2.b. Ħatra mill-partijiet

Fl-Awstrija, l-esperti privati jintgħażlu mill-partijiet. Il-perizji tagħhom iridu jiġu asseriti u ppreżentati mill-partijiet, inkella jiġu rrifjutati bħala inammissibbli. Jekk dawn ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati, il-qorti teżamina u tivvaluta l-perizja. Ir-rapport huwa meqjus bħala element ta' prova iżda ma jstax jannulla r-rapport ta' espert maħtur mill-qorti. Pjuttost, il-perizja tinfed il-bażi ġuridika tal-argument ta' parti.

Il-qorti tista' tiddeċiedi jekk tibbażax jew le r-raġunament fis-sentenza tagħha fuq il-perizja tal-espert maħtur mill-parti.

## V.3 Proċedura

### V.3.a. Rapport tal-espert

Il-perizja tista' tiġi ppreżentata bil-miktub jew verbalment. Ma hemm l-ebda stipulazzjoni li tirregola l-mod kif għandha tiġi strutturata perizja.

Jekk il-qorti tqis li l-perizja ma hijiex kompluta, jew fil-każ ta' mgħiba ħażina mhux ġustifikata min-naħa tal-espert, il-qorti tista', *ex officio* jew fuq talba tal-partijiet, tordna li titħejja perizja ġdida jew supplimentari. Il-qorti tista' wkoll tordna lill-espert iħallas lill-qorti minħabba l-imgħiba ħażina mhux ġustifikata tiegħu.

Il-partijiet jistgħu jippruvaw jinvalidaw jew jikkontestaw il-perizja permezz ta' sottomissjoni rilevanti jew kontroperizja.

Fi proċedimenti ċivili, il-partijiet ikunu involuti ħafna fil-ħidma tal-esperti. Huma jridu jikkooperaw magħhom u jipprovduhom kwalunkwe dokument li jitolbu. Huma jistgħu jistaqsuhom mistoqsijiet direttament waqt il-proċedimenti kontradittorji u jitolbuhom jikkummentaw fuq il-kummenti tagħhom.

### V.3.b. Smiġħ fil-qorti

Fil-każ tas-sottomissjoni ta' perizja bil-miktub, jekk il-parteċipazzjoni tal-espert fis-seduti tal-qorti hijiex meħtieġa u sa liema punt (fuq talba tal-partijiet, fejn applikabbli) jiġi deċiż mill-qorti.

*L-informazzjoni ppreżentata hawnhekk inġabret matul il-Proġett "Sib espert" minn kuntatti f'kull pajjiż magħżula*

■ L-aħħar aġġornament: 23/10/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.